**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 283/21 AL

A B

u

C D E

(MR Number 3238/2016)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettew:

1. Illi l-kontendenti nhar is-7 ta' Settembru 2016 b'rit Kattoliku, liema Zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv tlitt elef mitejn u tmienja u tletin tas-sena elfejn u sittax (3238/2016) hekk kif jirrizulta minn Certifikat anness u mmarkat Dokument "X";

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda ulied;

3. Illi prevja li ottjenew l-opportuna awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti, lesponenti sseparaw b 'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa tat-30 ta' Gunju 2021, kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkata Dokument "Y";

4. Illi skond l-istess kuntratt l-esponenti rrinunzjaw reciprokament mid-dritt rispettiv taghhom li jitolbu u li jircievu manteniment minghand xulxin liema rinunzja hija irrevokabbli u definittiva. Isegwi kwindi li ma jista' jkun hemm ebda manteniment dovut bejn il-konjugi;

5. Illi l-partijiet ilhom jabitaw separatament minn xulxin sa minn qabel Dicembru tas-sena 2020 u kwindi aktar minn sitt (6) xhur fl-ahhar tnax (12)-il xahar;

6. Illi ma jezisti ebda prospett ragionevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

7. Illi ghaldaqstant ir-rekwiziti imposti mill-Art. 66B tal-Kodici Civili (Kap. 16) kif emendat bl-Att XXV tal-2021 jinsabu ampjament sodisfatti;

8. Illi in sostenn ta' din it-talba, l-esponenti qed jipprezentaw affidavits taghhom li jinsabu hawn annessi u mmarkati Dokument "ZI " (li hu affidavit ta' A B) u Dokument "Z2" (li hu affidavit ta' C D E);

Talbu lil dina l-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja d-divorzju tal-istanti ossia 1-hall taz-zwieg ta' A B u C D E li gie Celebrat nhar is-7 ta' Settembru 2016 b'rit Kattoliku u huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta bin-numru 3238 tas-sena 2016 u dan ai termini tal-Art. 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien mholli ghal-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Lulju, 2021;

Rat l-affidavits taż-żewġ rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-30 ta' Gunju, 2021 u de facto separati aktar minn sitt (6) xhur fl-ahhar tnax (12) -il xahar;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.